REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/596

tal-11 ta' April 2019

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 tas-7 ta' Lulju 2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2465/96 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(b) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jelenka korpi pubbliċi, korporazzjonijiet u aġenziji u persuni fiżiċi u ġuridiċi, korpi u entitajiet tal-gvern preċedenti tal-Iraq koperti bl-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi li kienu jinsabu barra mill-Iraq nhar it-22 ta' Mejju 2003 skont dan ir-Regolament.

(2) Fit-8 ta' April 2019, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi tlettax-il annotazzjoni mil-lista ta' persuni jew entitajiet li għalihom jenħtieġ li japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi.

(3) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' April 2019.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Il-Kap tas-Servizz għall-Istrumenti tal-Politika Barranija

([1]) ĠU L 169, 8.7.2003, p. 6.

ANNESS

Fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003, jitħassru l-annotazzjonijiet li ġejjin:

"9. AL HASSAKA SPINNING PROJECT. Indirizz: P.O. Box 46, Al Hassaka Al Azizeh, l-Iraq."

"34. DIWANIYA STATE COTTON TEXTILE COMPANY (magħrufa wkoll bħala DIWANIYA COTTON STATE COMPANY). Indirizzi: (a) P.O. Box 79, Diwaniya, Qadisiya, l-Iraq; (b) P.O. Box 15, Diwaniyah, l-Iraq."

"37. FINE TEXTILE STATE COMPANY. Indirizz: P.O. Box 2, Hilla, l-Iraq."

"51. GENERAL ESTABLISHMENT FOR WOOLLEN TEXTILE (magħrufa wkoll bħala WOOLLEN TEXTILE STATE COMPANY). Indirizz: P.O. Box 9114, Khadhumiya, Bagdad, l-Iraq."

"70. IRAQI TEXTILE STATE ESTABLISHMENT (magħrufa wkoll bħala IRAQI STATE TEXTILE COMPANY). Indirizz: Al Nawab Street, Khadhumiya, P.O. Box 9106, Bagdad, l-Iraq."

"73. KUT COTTON TEXTILE STATE COMPANY (magħrufa wkoll bħala (a) TRAINING CENTRE FOR TEXTILE INDUSTRIES/KUT, (b) KUT INDUSTRIAL COMPANY). Indirizzi: (a) P.O. Box 25, Kut, l-Iraq; Kut Opp, Al-Zahra Town, l-Iraq; (b) P.O. Box 5613, South Gate, Kut, l-Iraq."

"86. NATIONAL STATE COMPANY FOR TEXTILE. Indirizz: P.O. Box 18, Mosul, l-Iraq."

"97. NATIONAL STATE COMPANY FOR TEXTILE. Indirizz: P.O. Box 5664, Kadhumia, Bagdad, l-Iraq."

"138. STATE ENTERPRISE FOR HANDWOVEN CARPETS (magħrufa wkoll bħala HANDWOVEN CARPETS STATE COMPANY). Indirizz: Al Nasir Square, Arbil, l-Iraq."

"141. STATE ENTERPRISE FOR LEATHER INDUSTRIES (magħrufa wkoll bħala STATE LEATHER INDUSTRIES COMPANY). Indirizz: Karrada Al Sharkiya, Hurriya Square, P.O. Box 3079, Bagdad, l-Iraq."

"191. STATE SEWING COMPANY. Indirizz: P.O. Box 14007, Waziriya, Bagdad, l-Iraq."

"203. WOOLLEN INDUSTRIES FACTORY OF ARBIL (magħrufa wkoll bħala WOOLLEN TEXTILE STATE COMPANY IN ARBIL). Indirizz: P.O. Box 101, Arbil, l-Iraq.

204. WOOLLEN TEXTILE STATE EST IN NASSIRIYAH (magħrufa wkoll bħala WOOLLEN TEXTILE STATE COMPANY IN NASIRYA). Indirizz: P.O. Box 108, Nassiriyah, l-Iraq."